# XBIEHA BIL-KITBA

*Ta'* N. Biancardi

F'*IL-BERQA* tas-17 ta' Ottubru, 1938, Nikol Biancardi kien xandar tliet sunetti bl-isem: "It-Trijumvirat tal-Malti — Xbihat bil-kitba". Minn dawn is-Sunetti Satiriċi se nisiltu t-tielet wieħed:

Ftit jafu li hu Għawdxi. Imbaċċaċ. Qsajjar.
Grammatku minn l-aħjar. Filologu kbir.
Jaħdem mal-Gvern. Biex jogħla għadu mħajjar.
Ħabb lil Vassalli; ta' ġrajjietu lsir.

Demmu ftit spont. Xi waħda żgħira jfajjar.
Għall-Malti sewwa d-deh'b. Iħobb il-fqir.
*Feda lill-Bdiewa. Weraq mar-riħ tajjar.*
Fil-proża u l-versi lanqas m'hu mill-ħmir.

Ma jafda 'l ħadd. Ibati bir-riħ pruwa.
Il-lum igħaddi bla ma biss isellem;
l-għada jarak; jidħaklek! Tgħid: "Dan huwa? . . . "

Jimxi bil-qabża. M'għandux kwiet ġo ġismu.
Iħares 'l hemm u 'l hawn qabel jitkellem.
Irid ifiehem bil-*X'jgħidulu* u 'l *X'jismu*.